2024/2852

12.11.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/2852

tal-11 ta' Novembru 2024

li jistabbilixxi deroga mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 fir-rigward tar-rekwiżiti għall-introduzzjoni fit-territorju tal-Unjoni ta' pjanti mċekkna b'mod naturali jew artifiċjali għat-tħawwil ta' *Chamaecyparis* Spach, ta' *Juniperus* L. u ta' ċerti speċijiet ta' *Pinus* L. li joriġinaw mill-Ġappun, u li jħassar ir-Regolament (UE) 2020/1217

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar il-miżuri protettivi kontra pesti tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 228/2013, (UE) Nru 652/2014 u (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 69/464/KEE, 74/647/KEE, 93/85/KEE, 98/57/KE, 2000/29/KE, 2006/91/KE u 2007/33/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 40(2) u 41(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2072 ([2]) jistabbilixxi lista ta' pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra li l-introduzzjoni tagħhom fl-Unjoni minn ċerti pajjiżi terzi hija pprojbita. F'konformità mal-punt 1 tal-Anness VI ta' dak ir-Regolament, l-introduzzjoni fl-Unjoni ta' pjanti għat-tħawwil ta' *Chamaecyparis* Spach, *Juniperus* L. u *Pinus* L., għajr il-frott u ż-żrieragħ, hija pprojbita.

(2) F'ċerti kundizzjonijiet, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1217 ([3]) jippermetti l-introduzzjoni fl-Unjoni ta' pjanti mċekkna b'mod naturali jew artifiċjali għat-tħawwil ta' *Chamaecyparis* Spach, *Juniperus* L. u ċerti speċijiet ta' *Pinus* L., li joriġinaw fil-Ġappun (il-"pjanijiet speċifikati") permezz ta' deroga mill-punt 1 tal-Anness VI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072.

(3) Ċerti pesti ta' kwarantina fl-Unjoni bħal *Gymnosporangium* spp. għandhom żewġ ospitanti tassonomikament differenti għall-istadji tal-ispori differenti tagħhom. Għalhekk, sabiex jiġi żgurat li l-pesti ta' tħassib ma jkunux preżenti fiż-żona, fil-każ ta' esportazzjoni tal-pjanti *Juniperus*, ikun xieraq li jiġu introdotti rekwiżiti għal spezzjonijiet ukoll għal pjanti ta' *Chaenomeles* Lindl., ta' *Crataegus* L., ta' *Cydonia* Mill., ta' *Juniperus* L., ta' *Malus* Mill., ta' *Photinia* Ldl. u ta' *Pyrus* L. li joriġinaw fl-istess post tal-produzzjoni iżda mhux neċessarjament iddestinati għall-esportazzjoni fl-Unjoni.

(4) F'konformità mal-Artikolu 3 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1217, id-deroga prevista f'dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2024.

(5) Fid-29 ta' Marzu 2024, il-Ġappun talab għal estensjoni tad-deroga prevista fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1217.

(6) Wara l-interċettazzjonijiet reċenti ta' *Matsucoccus matsumurae* (Kuwana) u *Homona magnanima* Dyakonov fuq pjanti *Pinus* imċekkna mill-Ġappun, jenħtieġ li dawn il-pesti jitqiesu wkoll bħala pesti ta' tħassib, sakemm jiġu evalwati bħala pesti ta' kwarantina potenzjali fl-Unjoni.

([1]) ĠU L 317, 23.11.2016, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/2031/oj.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2072 tat-28 ta' Novembru 2019 li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-miżuri protettivi kontra l-pesti tal-pjanti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 690/2008 u jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2019 (ĠU L 319, 10.12.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2019/2072/oj).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1217 tal-25 ta' Awwissu 2020 dwar deroga mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 li tikkonċerna l-introduzzjoni fl-Unjoni ta' pjanti mċekkna b'mod naturali jew artifiċjali għat-tħawwil ta' Chamaecyparis Spach, Juniperus L. u ċerti speċijiet ta' *Pinus* L., li joriġinaw fil-Ġappun, u li jirrevoka d-Deċiżjoni 2002/887/KE(ĠU L 277, 26.8.2020, p. 6, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2020/1217/oj).

(7) Barra minn hekk, l-Opinjoni tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) tal-15 ta' Marzu 2019 ([4]) ikkonkludiet li l-pjanti ta' *Chamaecyparis* Spach u *Pinus parviflora* Sieb. & Zucc. (*Pinus pentaphylla* Mayr) jospitaw ukoll lill-pest *Urocerus japonicus* (F. Sm.). Għal din ir-raġuni, jenħtieġ li dak il-pest jitqies ukoll bħala pest ta' tħassib għal dawk il-pjanti u jkun soġġett għal miżuri xierqa.

(8) L-introduzzjoni tal-pjanti speċifikati fl-Unjoni, soġġetta għar-rekwiżiti tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1217, kif applikat b'mod effettiv mill-Ġappun, ippreżentat riskju fitosanitarju aċċettabbli għat-territorju tal-Unjoni. Għalhekk jenħtieġ li d-deroga terġa' tingħata.

(9) Jenħtieġ li dik id-deroga tkun soġġetta għall-istess rekwiżiti bħal dawk stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1217. Jenħtieġ li dawk ir-rekwiżiti japplikaw mingħajr preġudizzju għall-punt 30 tal-Anness VII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 dwar l-introduzzjoni fit-territorju tal-Unjoni ta' pjanti mċekkna b'mod naturali jew artifiċjali għajr iż-żrieragħ.

(10) Diversi pesti ospitati mill-pjanti speċifikati, u b'mod partikolari l-pesti *Coleosporium asterum* (Dietel) Sydow & P. Sydow, *Coleosporium paederiae* Dietel ex Hirats. f., *Coleosporium phellodendri* Komarov, *Crisicoccus pini* (Kuwana), *Dendrolimus spectabilis* (Butler), *Dendrolimus superans* Butler, *Matsucoccus matsumurae* (Kuwana), *Sirex nitobei* Mats., *Thecodiplosis japonensis* Uchida & Inouye u *Urocerus japonicus* (F. Sm.), għadhom mhumiex elenkati bħala pesti ta' kwarantina fl-Unjoni għax għadu ma ġiex ivvalutat ir-riskju fitosanitarju li joħolqu. Għaldaqstant, billi dan ir-Regolament jindirizza riskju fitosanitarju partikolari li għadu ma ġiex ivvalutat bis-sħiħ, jenħtieġ li r-rekwiżiti li jipprevedi jkunu ta' natura temporanja skont l-Artikolu 7 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2072, sabiex ikun jista' jsir rieżami komplut ta' dak ir-riskju.

(11) *Homona magnanima* huwa ospitat mill-pjanti speċifikati. F'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1941 ([5]), dan ma għandux jiġi introdott, imċaqlaq, miżmum, immultiplikat jew rilaxxat fit-territorju tal-Unjoni bħala pest soġġett għall-miżuri msemmija fl-Artikolu 30 tar-Regolament (UE) 2016/2031.

(12) Għal raġunijiet ta' ċertezza legali, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1217 jitħassar u jiġi sostitwit bid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

(13) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "pjanti speċifikati" tfisser pjanti għat-tħawwil li joriġinaw mill-Ġappun, imċekkna b'mod naturali jew artifiċjali, tal-ispeċijiet li ġejjin:

(a) *Chamaecyparis* sp. Spach;

(b) *Juniperus* L.;

(c) *Pinus parviflora* Sieb. & Zucc. (*Pinus pentaphylla* Mayr);

(d) *Pinus thunbergii* Parl. ;

([4]) Il-Bord tal-EFSA dwar is-Saħħa tal-Pjanti, 2019. Scientific Opinion on the commodity risk assessment of black pine (*Pinus thunbergii* Parl.) bonsai from Japan. *EFSA Journal* 2019;17(5):5667, 184 pp. https://doi.org/10.2903/j.efsa.2019.5667.

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1941 tat-13 ta' Ottubru 2022 dwar il-projbizzjoni tal-introduzzjoni, tal-moviment, taż-żamma, tal-multiplikazzjoni jew tar-rilaxx ta' ċerti pesti skont l-Artikolu 30(1) tar-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 268, 14.10.2022, p. 13; ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2022/1941/oj).

(e) *Pinus parviflora* Sieb. & Zucc. imlaqqma fuq is-salvaġġ ta' speċijiet oħra ta' *Pinus*, li joriġinaw mill-Ġappun;

(f) *Pinus thunbergii* Parl. imlaqqma fuq is-salvaġġ ta' speċijiet oħra ta' *Pinus*, li joriġinaw mill-Ġappun;

(2) "pest ta' tħassib" tfisser:

(a) għall-pjanti speċifikati kollha:

kwalunkwe pest ta' kwarantina fl-Unjoni, kwalunkwe pest ta' kwarantina f'żoni protetti, jew kwalunkwe pest li jkun soġġett għall-miżuri msemmija fl-Artikolu 30 tar-Regolament (UE) 2016/2031;

(b) għal *Pinus parviflora* Sieb. & Zucc. pjanti ta' (*Pinus pentaphylla* Mayr), il-pesti msemmija fil-punt (a) u kwalunkwe wieħed mill-pesti li ġejjin:

(i) *Coleosporium paederiae* Dietel ex Hirats. f.;

(ii) *Crisicoccus pini* (Kuwana);

(iii) *Dendrolimus spectabilis* (Butler);

(iv) *Dendrolimus superans* Butler;

(v) *Matsucoccus matsumurae* (Kuwana);

(vi) *Thecodiplosis japonensis* Uchida & Inouye;

(vii) *Urocerus japonicus* (F. Sm.);

(c) għal pjanti ta' *Pinus thunbergii* Parl. il-pesti msemmija fil-punt (a) u kwalunkwe wieħed mill-pesti li ġejjin:

(i) *Coleosporium asterum* (Dietel) Sydow & P. Sydow;

(ii) *Coleosporium phellodendri* Komarov;

(iii) *Crisicoccus pini* (Kuwana);

(iv) *Dendrolimus spectabilis* (Butler);

(v) *Dendrolimus superans* Butler;

(vi) *Matsucoccus matsumurae* (Kuwana);

(vii) *Sirex nitobei* Mats.;

(viii) *Thecodiplosis japonensis* Uchida & Inouye;

(ix) *Urocerus japonicus* (F. Sm.);

(d) għal pjanti ta' *Chamaecyparis sp*. Spach, il-pesti msemmija fil-punt (a) u *Urocerus japonicus* (F. Sm.).

Artikolu 2

Deroga mill-projbizzjoni tal-introduzzjoni tal-pjanti speċifikati fit-territorju tal-Unjoni

1. B'deroga mill-punt 1 tal-Anness VI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072, il-pjanti speċifikati għandhom jitħallew jiġu introdotti fit-territorju tal-Unjoni jekk jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

2. Il-paragrafu 1 għandu japplika għall-pjanti speċifikati introdotti fit-territorju tal-Unjoni fil-perjodi li ġejjin:

(a) għal *Chamaecyparis*: mill-1 ta' Jannar 2025 sal-31 ta' Diċembru 2028;

(b) għal *Juniperus*: mill-1 ta' Novembru sal-31 ta' Marzu ta' kull sena sal-31 ta' Diċembru 2028;

(c) għal *Pinus parviflora* Sieb. & Zucc. (*Pinus pentaphylla* Mayr) u *Pinus parviflora* Sieb. & Zucc. imlaqqma fuq is-salvaġġ ta' speċijiet oħra ta' *Pinus*, li joriġinaw mill-Ġappun: mill-1 ta' Jannar 2025 sal-31 ta' Diċembru 2028;

(d) għal *Pinus thunbergii* Parl. u *Pinus thunbergii* imlaqqma fuq is-salvaġġ ta' speċijiet oħra ta' *Pinus*, li joriġinaw mill-Ġappun: mill-1 ta' Jannar 2025 sal-31 ta' Diċembru 2028.

Artikolu 3

Konferma tal-preżenza ta' pest ta' ħassib waqt il-perjodu ta' detenzjoni ta' wara d-dħul

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri l-oħra u lill-Ġappun dwar kull pest ta' ħassib li jkun ġie ikkonfermat waqt id-dħul jew waqt il-perjodu ta' detezzjoni ta' wara d-dħul imsemmi fil-punt 2.1 tal-Anness.

Meta jiġi identifikat pest ta' ħassib, kull pjanta speċifikata li toriġina mill-mixtla minn fejn tkun oriġinat il-pjanta infettata/infestata ma għandhiex tingħata permess tiġi introdotta fit-territorju tal-Unjoni qabel ma tiġġedded l-awtorizzazzjoni tal-mixtla msemmija fil-punt 1.5 tal-Anness.

Artikolu 4

Tħassir tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1217

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1217 jitħassar.

Artikolu 5

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Novembru 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

REKWIŻITI GĦALL-INTRODUZZJONI FIT-TERRITORJU TAL-UNJONI TAL-PJANTI SPEĊIFIKATI KIF IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 2

1. **Rekwiżiti għall-Ġappun**

1,1. Jekk il-pjanti speċifikati jkunu *Pinus parviflora* Sieb. & Zucc. jew *Pinus thunbergii* Parl. imlaqqma fuq is-salvaġġ ta' speċi oħra ta' *Pinus*, is-salvaġġ ma għandux ikollu rimjiet.

1.2. Qabel l-esportazzjoni lejn l-Unjoni, il-pjanti speċifikati għandhom ikunu tkabbru, inżammu jew ġew ikkultivati għal mill-inqas sentejn konsekuttivi fi mxietel awtorizzati, li huma soġġetti għal reġim tal-kontroll mill-Organizzazzjoni Nazzjonali għall-Protezzjoni tal-Pjanti ("NPPO", National Plant Protection Organisation of Japan) tal-Ġappun u awtorizzati speċifikament mill-NPPO bl-iskop li jiġu esportati lejn l-Unjoni. Il-listi annwali tal-imxietel awtorizzati għandhom ikunu disponibbli għall-Kummissjoni sal-31 ta' Ottubru ta' kull sena. Dawk il-listi għandhom jinkludu l-għadd ta' pjanti mkabbra f'kull mixtla li jkunu tqiesu xierqa biex jiġu introdotti fit-territorju tal-Unjoni.

1.3. Fil-każ tal-esportazzjoni tal-pjanti ta' *Juniperus*, kif ukoll il-pjanti tal-ġeneri *Chaenomeles* Lindl., *Crataegus* L., *Cydonia* Mill., *Juniperus* L., *Malus* Mill., *Photinia* Ldl. u *Pyrus* L., li jkunu tkabbru fl-aħħar sentejn qabel l-esportazzjoni fl-imxietel awtorizzati msemmija fil-punt 1.2, u fl-inħawi qrib tagħhom, għandhom ikunu ġew spezzjonati uffiċjalment mill-inqas sitt darbiet fis-sena b'intervalli xierqa għall-preżenza tal-pesti ta' tħassib. Fil-każ tal-pjanti ta' *Chamaecyparis* u ta' *Pinus*, il-pjanti tal-ġenuru *Chamaecyparis* Spach u tal-ġeneru *Pinus* L. li jkunu tkabbru f'dawn l-imxietel tal-pjanti jew fil-qrib tagħhom, għandhom ikunu ġew spezzjonati uffiċjalment għall-inqas sitt darbiet fis-sena b'intervalli xierqa għall-preżenza tal-pesti ta' tħassib rispettivi.

1.4. F'dawk l-ispezzjonijiet, il-pjanti speċifikati għandhom ikunu nstabu ħielsa mill-pesti ta' tħassib.

Il-pjanti infestati għandhom jitneħħew mill-NPPO, jew mill-korpi nazzjonali kompetenti jew mill-operaturi professjonali bis-superviżjoni uffiċjali tal-NPPO. Il-pjanti speċifikati li jifdal għandhom jiġu ttrattati b'mod effettiv u jinżammu għal perjodu xieraq u jiġu spezzjonati biex ikun żgurat li jkunu ħielsa minn dawk il-pesti.

Kull sejba tal-pesti ta' tħassib waqt l-ispezzjonijiet li jsiru skont il-punt 1.3 għandha tiġi rreġistrata uffiċjalment, u r-reġistru għandu jintbagħat lill-Kummissjoni, jekk titolbu. L-NPPO għandha tinforma minnufih lill-Kummissjoni bid-detezzjoni tal-pesti ta' tħassib.

Kwalunkwe detezzjoni tal-pesti ta' tħassib, matul l-ispezzjonijiet imwettqa skont il-punt 1.3 u l-punt 2.1, għandha twassal għat-tneħħija immedjata mill-NPPO tal-mixtla mil-lista ta' mixtliet awtorizzati kif imsemmi fil-punt 1.2.

1.5. L-NPPO tista' żżedded l-awtorizzazzjoni tal-mixtliet li jkunu tneħħew mil-lista ta' mixtliet awtorizzati biss fis-sena ta' wara.

1.6. Il-pjanti speċifikati maħsuba għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni, għandhom, tul il-perjodu ta' sentejn konsekuttivi msemmi fil-punt 1.2:

(a) jitħawlu fi qsari li jitqiegħdu fuq xkafef għoljin mill-inqas 50 cm mill-art jew fuq paviment tal-konkrit impenettrabbli għan-nematodi, li jinżamm tajjeb u ħieles mir-radam;

(b) jinstabu ħielsa mill-pesti ta' tħassib waqt l-ispezzjonijiet imsemmija fil-punt 1.3;

(c) jintgħarfu permezz ta' marka jew ta' kodiċi ta' traċċabbiltà esklussiva għal kull pjanta individwali, u notifikata lill-NPPO, dan jippermetti l-identifikazzjoni tal-mixtla awtorizzata uffiċjalment u tas-sena tat-tħawwil fil-qsari; u

(d) jekk jappartienu għall-ġenus *Pinus* L. u fil-każ ta' tilqim fuq salvaġġ ta' speċi *Pinus* minbarra l-*Pinus parviflora* Sieb. & Zucc. jew *Pinus thunbergii* Parl., is-salvaġġ għandu jkun idderivat minn sorsi approvati uffiċjalment bħala f'saħħtu.

1.7. Il-pjanti speċifikati għandhom ikunu traċċabbli mill-ħin li jinħarġu mill-mixtla sal-ħin tat-tagħbija għall-esportazzjoni, billi jiġu ssiġillati l-vetturi tat-trasport inkella b'alteranttivi xierqa.

1.8. Il-pjanti speċifikati u l-materjal għat-tkabbir li jkun imwaħħal magħhom jew li jkunu tkabbru fih ("il-materjal") għandhom ikunu akkumpanjati minn ċertifikat fitosanitarju, maħruġ mill-NPPO, li jiċċertifika l-konformità mar-rekwiżiti speċifikati fil-punti 1.1 sa 1.7 ta' dan l-Anness, u fil-punt 30 tal-Anness VII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072.

Iċ-ċertifikat għandu jindika:

(a) l-isem jew l-ismijiet tal-mixtla jew tal-imxietel irreġistrati uffiċjalment;

(b) il-marki jew il-kodiċijiet tat-traċċabbiltà msemmija fil-punt 1.6(c), safejn dawn jgħinu fl-identifikazzjoni tal-mixtla awtorizzata u s-sena tat-tħawwil fil-qsari;

(c) l-ispeċifikazzjoni tal-aħħar trattament applikat qabel il-bejgħ, jekk hemm;

(d) taħt "Dikjarazzjoni Addizzjonali", id-dikjarazzjoni "Din il-kunsinna tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/2852".

2. **Rekwiżiti għall-Istati Membri**

2.1. Wara d-dħul tagħhom fit-territorju tal-Unjoni, il-pjanti speċifikati għandhom ikunu soġġetti għal detenzjoni uffiċjali ta' wara d-dħul f'faċilità ta' konfinament jew fi stazzjon ta' kwarantina għal perjodu ta' mill-inqas tliet xhur ta' tkabbir attiv.

Fil-każ tal-pjanti *Juniperus*, il-perjodu ta' detenzjoni għandu jkun mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju.

Tul dan il-perjodu ta' detenzjoni u fi tmiemu, il-materjal għandu jinstab ħieles minn kwalunkwe pest ta' tħassib. L-awtorità kompetenti jew l-operaturi professjonali għandhom jagħtu attenzjoni partikolari li jiġu ppreservati l-marka jew il-kodiċi tat-traċċabbiltà, imsemmija fil-punt 1.6(c), ta' kull pjanta.

2.2. Kull lott li jkun fih materjal li ma jkunx instab ħieles mill-pesti ta' tħassib tul il-perjodu ta' detenzjoni wara d-dħul, imsemmi fil-punt 2.1, għandu jinqered minnufih mill-awtorità kompetenti jew mill-operatur professjonali bis-superviżjoni uffiċjali tal-awtorità kompetenti.